**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Jannar, 2019

Rikors Nru : 241/18AL

**A B**

**vs.**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

i. Illi l-esponenti iżżewġet lill-intimat nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru, tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986) hekk kif jixhed iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ mal-preżenti anness u mmarkat **Dok A**.

ii. Illi miż-żwieġ tagħhom, il-partijiet kellhom erbat itfal, illum ilkoll maġġorenni, u dan kif jixhdu ċ-ċertifikati tat-twelid relattivi, mal-preżenti annessi u mmarkati **Dok B, Dok Ċ, Dok D** u **Dok E** rispettivament.

iii. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, lura fis-sena elfejn u tnax (2012) hekk kif tixhed il-vera kopja tal-Kuntratt, mal-preżenti annessa u mmarkata bħala **Dok F**.

iv. Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jigi dikjarat li ma hemm ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, u għalhekk dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt.

v. Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment, bejn il-kontendenti, la fil-konfront ta' xulxin u la fil-konfront ta' xiħadd minn uliedhom.

vi. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet, l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A set sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta'C B li permezz taghha espona :

1. Illi jaqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors taghha tas-17 ta' Mejju 2018;  il-kontendenti nfirdu personalment permezz ta' att pubbliku datat 31 ta' Mejju 2012 in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom, u kif premess mir-rikorrenti stess, kull obbligu ta' manteniment stipulat fil-kuntratt surriferit dejjem gie osservat metikolozament.
2. Tenut kont ta' dan, u tenut ukoll kont tad-dispost tal-Artikoli 66B, 66C u 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istanti jaqbel mal-pronunzjament tad-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti celebrat fl-14 ta'[ Dicembru 1986; dan purche` jibqghu immutati d-drittijiet kollha tieghu naxxenti mill-att pubbliku surriferit.
3. In vista tal-premess, u partikolarment in vista tal-fatt illi kienet ir-rikorrenti illi ghazlet li tipprocedi f'din l-istanza, huwa ma ghandu jbati ebda spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri odjerni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Mejju, 2018;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu fil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Mejju, 2012;
Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.